# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 1111/2019 MH**

**Illum, 26 ta' Marzu,2021**

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

**vs**

**Glen Carabott (K.I. 357480M) u Maria Assunta Carabott (K.I. 514641M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tal-attur tal-15 ta' Novembru, 2019**[1] permezz ta' liema huwa ppremetta:

> ***Tesponi bir-rispett u l-Av. Dr Ralph Agius Fernandez (ID Nru 565688 M) in rappreżentanza tal-kumpannija esponenti, kif debitament awtorizzat, bil-ġurament tiegħu jikkonferma s-segwenti fatti, li hu jaf bihom minn dokumenti miżmuma fi ħdan l-istess kumpannija:***

[1] A fol 1

1. *Illi in forza ta' kuntratt tas-6 ta' Awissu 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Spiteri Debono, il-Bank attur ikkonċeda faċilità bankarja lill-konvenuti Glen Carabott u ommu Maria Assunta Carabott solidalment bejniethom konsistenti f'self, u dan wara sanction letter maħruġa mill-istess Bank attur datata t-2 ta' Lulju 2010 (kopja tal-kuntratt ta' self u tas-sanction letter hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. A u Dok B);*

2. *Illi l-konvenuti naqsu milli jagħmlu l-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-sanction letter u għaldaqstant huma ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skond il-kundizzjonijiet tal-istess sanction letter u tal-kuntratt ta' self relattiv;*

3. *Illi fuq dan is-self il-konvenuti Glen Carabott u Maria Assunta Carabott huma għalhekk debituri solidali tal-Bank attur fis-somma ta' tmienja u ħamsin elf, tmien mija, tmienja u tletin ewro u żewġ ċenteżmi (€58,838.02), dovuta in kwantu għal erbgħa u ħamsin elf, tliet mija u wieħed u sebgħin ewro u erbgħin ċenteżmu (€54,371.40) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u r-rimanenti erbat elef, erba' mija u sitta u sittin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€4,466.62) bħala imgħax ikkalkulat sat-22 ta' Ottubru 2019, kif jirrizulta mill-anness statement tal-kont in kwistjoni bin-numru 16121882 immarkat Dok. C, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-23 ta' Ottubru 2019 sad-data tal-pagament effettiv;*

4. *Illi in forza ta' kuntratt ieħor ukoll fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Spiteri Debono ippublikat fl-istess ġurnata tas-6 ta' Awissu 2010, il-Bank attur ikkonċeda faċilità bankarja oħra lill-konvenuti Carabott solidalment bejniethom konsistenti f'Maxicredit sal-ammont ta' tnejn u ħamsin elf ewro (€25,000) u dan wara sanction letter maħruġa mill-istess Bank attur ukoll fit-2 ta' Lulju 2010 (kopja tal-kuntratt ta' self u tas-sanction letter hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. D u Dok E);*

5. *Illi anki fuq dan is-self, il-konvenuti naqsu milli jagħmlu l-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-sanction letter u għaldaqstant huma ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skond il-kundizzjonijiet tal-istess sanction letter u tal-kuntratt ta' self relattiv;*

6. *Illi l-konvenuti Glen Carabott u Maria Assunta Carabott huma wkoll debituri tal-bank fis-somma ta' erbat elef, ħames mija u sebgħa u sittin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,567.75) li jikkonsisti f'kapital biss, stante li l-aħħar pagament li sar mid-debituri ġie allokat għall-ħlas tal-imgħax li kien dovut fuq dan il-kont, u ċioè il-kont numru 18066810, sar fit-22 ta' Ottubru 2019, sal- , u dan kif jirrizulta mill-anness statement tal-kont immarkat Dok. F, dan oltre l-imgħax legali ulterjuri dovut mit-23 ta' Ottubru 2019 sad-data tal-pagament effettiv;*
7. *Illi għalhekk il-konvenuti flimkien huma debituri solidali tal-bank attur fis-somma globali ta' tlieta u sittin elf, erba' mija u ħames ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€63,405.77) oltre l-imgħax ulterjuri kif spjegat;*

8. *Illi l-konvenuti, għalkemm interpellati biex iħallsu l-arretrati dovuti minnhom, anki permezz ta' ittra uffiċjali datata 18 ta' Mejju 2018 (annessa bħala Dok. G) baqgħu inadempjenti;*

*Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

*(i) Tiddikjara li l-konvenuti Glen Carabott u Maria Assunta Carabott huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' tlieta u sittin elf, erba' mija u ħames ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€63,405.77) dovuta fuq il-kontijiet kif fuq spjegat;*

*(ii) Tikkundanna lill-istess konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' tlieta u sittin elf, erba' mija u ħames ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€63,405.77) u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mit-23 ta' Ottubru 2019 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 18 ta' Mejju 2018 u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment ma' dan il-kawża, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati għażlu li jibqgħu kontumaċji.[2]

Rat lil bank presenta nota ġuramentata, maħlufa mill-Avukat Ralph Agius Fernandez[3] fejn fiha l-bank rriduċa s-somma dovuta lilu mid-debituri konvenuti għas-somma globali ta' disa' u ħamsin elf, ħames mija u tlieta u sebgħin ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu, (€59, 573.71); somma dovuta kif hemm spjegat. Ma l-istess nota ġew ukoll esebiti d-dokumenti li juru d-debitu reklamat u l-pendenzi li baqa fil-konfront.[4]

Rat ukoll id-dokumenti l-oħra ġia esebiti mill-bank attur, dokumenti elenkati marrikors ġuramentat.

Ikkonsidrat

Illi nonostante lil kif inhu stabbilit fil-ġurisprudenza nostrali l-kontumaċja ma tfissirx xi *walk over* u rebħa ovvja għal attur, ma tarax li l-bank attur falla fl-iskop ta' l-ażżjoni minnu proposta. Mid-dokumenti esebiti s-self reklamat sar u bil-ġurament tiegħu l-bank spjega fiex wasslet il-morosita' tal-konvenuti.

**Konsegwentement taqta u tideċidi billi tilqa t-talbiet kif dedotti fis-sens illi:-**

1. Tiddikjara li l-konvenuti Glen Carabott u Maria Assunta Carabott huma debituri solidali fil-konfront tal-bank attur fis-somma ta' disa' u ħamsin elf, ħames mija u tlieta u sebgħin ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu, (€59, 573.71) somma spjeġata fin-nota ta' riduzzjoni suriferita;

2. Tiddikjara lill-istess konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-bank attur l-imsemmija somma ta' disa' u ħamsin elf, ħames mija u tlieta u sebgħin ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu, (€59, 573.71) u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mit-23 ta' Ottubru, 2019 sad-data tal-pagament effettiv a tenur ta' l-artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[2] Folio 31 tergo

[3] Gfolio 37

[4] Dok SA1-Dfok SA2 Folio 38-44

Bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 18 ta' Mejju, 2018 u tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi ippresentat kontestwalment mar-rikors ġuramentat.

**Onor. Miriam Hayman**

**Imhallef**

**Victor Deguara**

**Dep. Reg**